Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,169, 28 ta' Settembru, 1995
Taqsima B

A.L. 132 ta' l-1995

KODIĊI TA' ORGANIZZAZZJONI U PROĊEDURA ĊIVILI (KAP. 12)

Regoli ta' l-1995 dwar in-Notifika ta' Atti Ġudizzjarji bil-Posta

BIS-SAHHA tas-setgħat mogħtija bis-subartikolu (8) ta' l-artikolu 187 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, il-Ministru tal-Ġustizzja u Kultura għamel ir-regoli li ġejjin:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. Dawn ir-regoli jistgħu jissejħu r-Regoli ta' l-1995 dwar in-Notifika ta' Atti Ġudizzjarji bil-Posta, u għandhom jibdew iseħħu fil-1 ta' Ottubru, 1995.

Tifsir.

2. F'dawn ir-regoli —

"att ġudizzjarju" tfisser kull att jew skrittura preżentata fir-Reġistru ta', jew li toħroġ minn, xi qorti, tribunal jew bord f'Malta, u kull att jew skrittura preżentata fi, jew li toħroġ minn, xi qorti, tribunal jew bord barra minn Malta, li tista', bis-saħħa ta' xi liġi jew trattat, tiġi notifikata lil xi persuna f'Malta, iżda ma tinkludix il-mandati u l-ordnijiet imsemmija fit-Titlu VII tat-Tieni Ktieb u fit-Titlu VI tat-Tielet Ktieb tal-Kodiċi;

"Kodiċi" tifisser il-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;

"qorti" tfisser kull qorti imsemmija fl-artikoli 3 u 4 tal-Kodiċi;

"trattat" għandha l-istess tifsira mogħtija lilha fl-artikolu 2 ta' l-Att dwar ir-Ratifika ta' Trattati. Kap. 304.

Notifika bil-posta.

3. (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (2) ta' din ir-regola, in-notifika ta' atti ġudizzjarji għandha, kemm-il darba xi qorti ma tordnax xort'oħra, issir bil-posta reġistrata, u għandha ssir applikazzjoni għal avviż ta' konsenja meta jsir l-impustar:

Iżda r-Reġistratur jista', meta tingħata raġuni xierqa fuq talba tal-parti li tippreżenta l-att ġudizzjarju, jordna li n-notifika ssir mill-uffiċjali esekuturi tal-qrati.

(2) Id-dispożizzjonijiet ta' din ir-regola ma għandhomx japplikaw għar-rigward ta' —

(a) rikorsi ta' l-appell;

(b) rikorsi li jsiru bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet tal-Kostituzzjoni ta' Malta u ta' l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea; Kap. 319.

(ċ) ċitazzjonijiet; u

(d) rikorsi msemmija fit-Taqsima II tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi.

L-atti għandhom jingħalqu f'invilopp.

4. Il-kopji ta' l-atti ġudizzjarji li jkunu se jiġu notifikati bil-posta kif imsemmi qabel għandhom jingħalqu ġo invilopp li jkollu fuqu l-kliem "Att Ġudizzjarju" f'post fejn jidher sewwa.

Dmirijiet ta' l-uffiċjali esekuturi tal-qrati.

5. Meta n-notifika tkun se ssir bil-posta, l-uffiċjali esekuturi tal-qrati għandhom —

(a) iħejju d-dokumenti postali meħtieġa għal dik in-notifika, u jippreżentaw l-invilopp relattiv bl-iskrittura magħluqa ġo fih fl-uffiċċju tal-posta;

(b) jinnotaw f'reġistru miżmum għal hekk, il-partikolaritajiet fl-att ġudizzjarju msemmi fl-artikolu 174 tal-Kodiċi, id-data tal-preżentata fir-Reġistru u n-numru ta' l-Uffiċċju tal-Kaxxier tar-Reġistru immarkat fuq l-att ġudizzjarju, in-numru mogħti mill-awtoritajiet tal-posta lill-invilopp li fih ikun ġie magħluq l-att ġudizzjarju biex jiġi impustat, u, jekk in-notifika tkun saret, id-data ta' dik in-notifika u d-data meta jiġi lura l-avviż tal-konsenja;

(ċ) jagħmlu ċertifikat fejn jingħad jekk in-notifika saritx jew le u li fih għandhom jidħlu wkoll il-partikolaritajiet imsemmija fl-artikolu 188 tal-Kodiċi;

(d) jgħarrfu lill-parti li tippreżenta l-iskrittura, jew lill-avukat jew prokuratur legali tagħha, jekk in-notifika tkunx saret jew le, u jekk tkun saret, meta.

Thassir ta' l-A.L. 46 ta' l-1980.

6. Ir-Regoli ta' l-1980 dwar in-Notifika ta' Atti Ġudizzjarji bil-Posta, huma b'dan imħassrin.